MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 423/2010

**Francis Muscat, bin il-mejtin Michael u Carmela nee' Curmi, imwieled u joqghod Sannat, Ghawdex, Karta tal-identita' numru 23657G**

***kontra***

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti -**

**Rat** ir-rikors prezentat fit-28 ta' April 2010 li jaqra hekk–

*Illi b'sentenza tal-Qorti Kriminali fl-atti tal-Att tal-Akkuza Nru. 38/1996 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta kontra Francis Muscat', moghtija fl-24 ta' April, 1997, l-esponenti nstab hati talli ikkoltiva l-pjanta cannabis bi ksur tal-ligi, u talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha skond l-Ewwel u t-Tieni Kap tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u inoltre giet ordnata l-konfiska favur*

*il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli, u tal-proprjeta' immobbli kollha tal-esponenti ukoll jekk il-proprjeta' immobbli ghaddiet ghand terzi persuni minn meta hu kien gie akkuzat ;*

*Illi inoltre bis-sahha ta' digriet moghti minnha fid-29 ta' April 1997, din l-Onorabbli Qorti -*

*a. Ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod generali tal-flus u l-proprjeta' mobbli kollha dovuti lilu jew li jmissu lilu jew li jkunu proprjeta' tieghu ;*

*b. Projbietu milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli ;*

*Illi din l-ordni inghatat fit-termini tal-artikolu 22A tal-Kap. 101;*

*Illi fit-termini tal-artikolu 22A(2) dik l-ordni ghandha tibqa' fis-sehh sakemm is-sentenza eventwali tigi ezegwita u fit-termini tas-subartikolu 6, imbaghad, darba l-effetti ta' din l-ordni jkunu spiccaw, ir-Registratur tal-Qorti ghandu jippubblika dan il-fatt fil-Gazzetta tal-Gvern u ghandu wkoll jirregistra l-fatt tal-kancellament fir-Registru Pubbliku. Fil-fatt is-sentenza mposta fuq l-esponenti ilha illi giet ezegwita mit-23 ta' Dicembru 1999 meta l-esponenti skonta l-piena karcerarja mposta fuqu u rega' lura ghal hajja civili normali ;*

*Illi cio' nonostante l-ordni moghtija fil-konfront tieghu ghadha tidher registrata fir-Registru Pubbliku dwar proprjeta' immobbli b'mod u manjiera illi l-esponenti ma jistax jidher fuq kuntratti ta' bejgh ;*

*Illi l-esponenti kien anke prezenta rikors quddiem il-Qorti Kriminali fejn talab il-kancellament ta' din l-ordni, izda b'digriet taghha tal-1 ta' Marzu 2010, dik il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors ghaliex sahqet, fuq l-iskorta tar-risposta tal-Avukat Generali, illi mhijiex il-foro kompetenti ;*

*Illi di piu', l-esponenti kien wiret parti wahda minn tlettax (1/13) indiviza ta' proprjeta' immobiljari minghand il-genituri tieghu Michael Spiteri u Carmela nee' Curmi, illi mietu rispettivament fil-15 ta' Jannar 1984, u 3 ta' Frar 1997.*

*L-eredita' taghhom kienet tikkomprendi:*

*a. Bicca raba 'Tal-Harruba' fil-limiti ta' sannat, Ghawdex tal-kejl ta' madwar 31 metri kwadri, tmiss nofsinhar ma' sqaq, punent u lvant u tramuntana ma' beni ta' Michael Muscat ;*

*b. Il-fond 2, Triq Skerla Sannat, Ghawdex, bl-art annessa mieghu*
*tal-kejl ta' madwar 455 metri kwadri, konfinanti nofsinhar mat-triq, punent ma' beni ta' Mario Grech u lvant ma' triq.*

*Din il-proprjeta' kienet anke tifforma meritu ta' kawza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Sezzjoni Generali, Citaz. Nru. 45/1998 fl-ismijiet 'Emanuel Spiteri et vs Muscat' deciza fis-6 ta' Gunju 2006. Bis-sahha ta' dik is-sentenza gie ordnat il-bejgh in licitazzjoni tal-assi formanti parti minn dik is-successjoni u di fatti l-atturi anke pprezentaw rikors fejn talbu li dik il-licitazzjoni tigi appuntata. Ftit jiem qabel ma kellha ssehh is-subasta l-eredi rnexxilhom isibu terza persuna u waslu ghal konvenju maghha bis-sahha ta' liema din il-proprjeta' kellha tinbiegh. Imbaghad x'hin bdew isiru r-ricerki bi preparazzjoni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, gie skopert id-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, dwar liema l-esponenti lanqas biss kien konxju, u ghalhekk il-kuntratt ma jistax jigi ezegwit qabel ma jinghata provvediment opportun da parti ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi inoltre din il-proprjeta' ossia l-kwota indiviza illi l-esponenti wiret minghand il-genituri tieghu ma kellha x'taqsam xejn mat-twettiq tal-akkuzi addebitati lill-esponenti ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha illi -*

*a. Fid-dawl tal-fatt illi s-sentenza mposta fuq l-esponenti giet skontata, tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront tieghu fid-29 ta' April 1997 ;*

*b. Tordna lir-Registratur taghha illi jippubblika l-fatt fil-Gazzetta tal-Gvern u ghandu wkoll jirregistra l-fatt tal-kancellament fir-Registru Pubbliku ;*

*c. Tiddikjara illi din il-proprjeta' hawn fuq deskritta giet akkwsitata b'mezzi u minn frotti illi ma ghandhom x'jaqsmu xejn mat-twettiq ta' xi offiza taht il-Kap. 101, u lanqas ma hija proprjeta' illi giet akkwistata direttament jew indirettament permezz ta' jew minhabba xi profitti minn tali offiza ;*

*d. Konsegwentement tordna r-revoka tal-konfiska ordnata mill-Qorti Kriminali bis-sentenza fuq citata, b'tali mod illi din l-istess proprjeta' tirriverti fil-pussess u proprjeta' tal-esponenti.*

**Rat** ir-risposta mahlufa prezentata fis-7 ta' Mejju 2010 li taqra hekk-

*Illi t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda.*

*Illi r-rikorrenti kien gie kkundannat permezz ta' sentenza tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' April 1997 fejn gie kkundannat ghal erba' snin prigunerija kif ukoll ghal multa ta' elf Lira Maltin (Lm1,000). Illi l-istess Onorabbli Qorti Kriminali fl-istess sentenza ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u proprjeta' immobbli kollha ta' l-istess rikorrenti anke jekk il-proprjeta' immobbli minn meta gie akkuzat ir-rikorrent kienet ghaddiet ghand terzi persuni.*

*Illi f'dan il-kaz, l-artikoli relevanti tal-Att Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) humiex l-Artikoli 22A (1) et sequitur kif invokati mir-rikorrenti liema*

*artikoli jittrattaw l-iffrizar ta' l-assi ta' l-akkuzat, izda, gialadarba inghatat is-sentenza tal-Qorti Kriminali fit-24 ta' April 1997, l-artikoli applikabbli huma l-artikoli 22C (1) et sequitur u l-proceduri specjali hemm kontenuti relattivament ghall-beni konfiskati.*

*Illi l-Artikolu 22C fis-subinciz (2) tieghu jipprovdi illi persuna misjuba hatja tista' tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjeta' konfiskata ma tkunx profitt jew dhul mill-eghmil ta' xi reat tali azzjoni 'b'rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konkluziva'. Illi certament illi r-rikorrenti ma ntavolax il-proceduri odjerni entri t-terminu stabbilit fl-Artikolu 22C (2) tal-Kapitolu 101 stante illi l-konfiska saret finali u konklusiva permezz tad-decizjoni tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' April 1997 u ghalhekk il-kawza odjerna kellha tigi ntavolata entro Lulju 1997.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandu jgib prova konkreta u sodisfacenti li l-provenjenza ta' l-oggetti li taghhom qed jitlob ir-rilaxx mhix rizultat ta' profitt jew dhul mill-ghemil jew reat li tieghu r-rikorrent instab hati jew proprjeta' akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

**Rat** li fl-ewwel dehra tal-kawza, u cioe' fl-24 ta' Mejju 2010, il-partijiet, permezz tad-difensuri taghhom, in kwantu ghal provi, irrimettew ruhhom ghall-atti, u qablu li l-kawza ghandha tithalla ghas-sentenza.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2010, fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat –**

L-azzjoni tar-rikorrent taghmel riferenza ghal disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta). Fil-fatt ir-rikorrent kien akkuzat inter alia b'reati kontra l-Kap.101, u jirrizulta li nstab hati u kien kundannat skond il-ligi.

Fl-azzjoni tal-lum, ir-rikorrent jallega li skond l-Art.22A(2) l-ordni ta' konfiska tal-beni tieghu imposta bis-sentenza li sabitu hati tibqa' fis-sehh sakemm is-sentenza eventwali tigi ezegwita. Is-subparagrafu (b) tas-subinciz (2) huwa fis-sens li *dak l-ordni ghandu ... jibqa' jsehh sakemm il-provedimenti jkunu jew decizi b'mod finali u konklusiv, u fil-kaz li persuna tinsab hatja, sakemm is-sentenza tkun esegwita.* Ghalhekk l-argument tar-rikorrent huwa li ladarba sat-23 ta' Dicembru 1999 huwa skonta l-piena inflitta fuqu wara s-sejbien tal-htija fil-konfront tieghu, l-ordni in kwistjoni tiddekadi minn dak il-mument 'il quddiem.

Din il-Qorti tghid mill-ewwel li r-rikorrent ma ghandux ragun ghaliex l-iskontar tal-piena ma jwaqqax l-ordni. Infatti sabiex tigi revokata l-ordni, hemm procedura partikolari li trid tigi segwita li m'ghandha x'taqsam xejn mal-iskontar tal-piena. Ma hemm assolutament xejn awtomatiku. Ghal aktar kjarezza, persuna tista' tkun qed tiskonta l-piena u tressaq it-talba ghar-revoka tal-ordni ta' konfiska. L-Art.22A(2)(b) citat mir-rikorrent irid jinqara flimkien mal-Art.22C li fis-subinciz (1) ighid kjarament -

*meta jkun sar ordni ta' konfiska taht il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3A) ta' l-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza, il-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f 'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn qorti tal-gustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.*

*Ictu oculi* mir-rikors stess, huwa evidenti li r-rikorrent injora ghal kollox il-procedura skond l-Art.22C.

F'dik il-procedura, jispetta lir-rikorrent li qed jitlob ir-revoka tal-ordni tal-konfiska li jressaq il-provi tieghu fi grad bizzejjed biex titwemmen li l-beni li jrid li jinhelsu mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligh marbut ma' profitt jew dhul minn ghemil ta' reat u ghalhekk irid ikun ir-rikorrenti li jaghmel il-prova tal-provenjenza lecita tal-propjeta' jew l-akkwist lecitu taghha. Ladarba l-legislatur haseb sabiex il-prodediment jinstema' minn Qorti ta' kompetenza civili u ladarba l-ligi stess tghid li ghal dan il-procediment japplika l-Kap. 12 tal-Ligjiet ta' Malta il-grad ta' prova rikjesta huwa dak tal-bilanc ta' probabilitajiet vigenti fi procedura civili u mhux dak rigoruz tal-procediment penali (**"Abela vs Kummissarju tal-Pulizija" – PA/JRM – 6 ta' Ottubru 2005**).

Il-procedura kontemplata bl-Art. 22C hija specjali u taghmel eccezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet hatja minn Qorti kompetenti ta' reat kontra l-Kap.101. Ghalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-disposizzjonijiet generali ta' dik il-ligi fejn *si tratta* tal-konfiska tal-gid ta' persuna li tikser il-Kap. 101, u sakemm jigu mharsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, ghandha tinghata tifsira f'termini stretti u mhux aktar wiesgha minn dak li ried il-legislatur.

Din il-procedura tapplika ghal ordni maghmula skond l-Art.22(3A)(d) biss. Hekk kien il-kaz tal-lum (ara s-sentenza esebita tal-Qorti Kriminali – fol 14 u 15). Din id-disposizzjoni tittratta l-konfiska ta' flejjes u gid, mobbli jew immobbli, tal-persuna li tinstab hatja, kemm jekk dawk il-beni jinsabu f'Malta kemm jekk barra, ukoll jekk sad-data tas-sejbien tal-htija, l-immobbli jkun ghadda f'idejn terzi. Il-procedura hija miftuha kemm ghall-persuna li tkun misjuba hatja kif ukoll ghat-terza persuna li f'idejha jkun ghadda l-immobbli.

Jekk wara smigh sommarju, il-Qorti tasal ghall-fehma li t-talba tar-rikorrent ghandha tintlaqa' kollha jew f'xi parti minnha, il-gid li jkun milqut b'dik id-decizjoni ma jibqax

izjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-sahha tad-decizjoni nnfisha meta din issir gudikat (Art. 22D) u dik id-decizjoni favorevoli titqies bhala trasferiment tat-titolu ta' dak il-gid lura mill-Gvern ghal ghand ir-rikorrent [Art. 22C(8)] kif preskritt. Il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li bis-sahha tieghu jsir is-sekwestru *jidher* li johloq presunzjoni ("**Abela vs Kummissarju tal-Pulizija**" op. cit.) li l-gid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-Ordinanza tnissel sewwasew mill-attivita' kriminali tal-persuna li tkun. Dan ighodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet hatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. F'dan il-kuntest, ghalhekk il-piz tal-prova li dak il-gid inkiseb b'mezzi legittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu ghejun jew risorsi ohra ta' ghejxien.

**Ikkunsidrat -**

Premess dan kollu, din il-Qorti trid tghid li vitali ghall-procedura kollha kemm hi huwa l-fattur taz-zmien ghaliex l-Art. 22C(2) tal-Kap.101 jistabilixxi terminu perentorju ta' tliet xhur effettiv mid-data li fiha s-sentenza li tkun ordnat il-konfiska ssir gudikat sabiex tigi tentata l-azzjoni.

Issa fil-kaz tal-lum, huwa ben evidenti li r-rikorrent halla jghaddu s-snin qabel intavola l-istanza tieghu ghalhekk ikun ghal kollox inutili ghal din il-Qorti li tisma' provi fil-mertu meta r-rikorrent litterament wehel fil-pregudizzjali taz-zmien. Din il-Qorti ghalhekk tifhem ghaliex propju fl-ewwel dehra tal-kawza, il-partijiet, bhala provi, irrimettew ruhhom ghall-atti, u f'dik l-istess udjenza, talbu sabiex din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tiddeciedi l-kawza, billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------